

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tat-13 ta' April 2011 —
United States Polo Association vs UASI — Textiles CMG (U.S. POLO ASSN.)**

(Kawża T-228/09)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali U.S. POLO ASSN. — Trade marks Komunitarji u nazżjonali verbali preċedenti POLO-POLO — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]”

Trade mark Komunitarja — Defnizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta’ trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta’ konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punt 56) (ara l-punti 27, 52, 60)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-UASI, tal-20 ta’ Marzu 2009 (Każ R 886/2008-4), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Textiles CMG, SA u United States Polo Association.

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	United States Polo Association
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark verbali U.S. POLO ASSN. għall-prodotti fil-klassijiet 9, 20, 21, 24 u 27 — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 4567483

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Textiles CMG, SA
Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Reġistrazzjoni tat-Trade mark verbali Spanjola POLO-POLO għall-prodotti fil-klassi 24; reġistrazzjoni tat-Trade mark Komunitarja POLO-POLO għall-prodotti fil-klassijiet 24, 25 u 39
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:	Oppożizzjoni milqugħa għall-prodotti kkontestati kollha
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) United States Polo Association hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tat-13 ta' April 2011 —
Bodegas y Viñedos Puerta de Labastida vs UASI — Unión de Cosecheros
de Labastida (PUERTA DE LABASTIDA)**

(Kawża T-345/09)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali PUERTA DE LABASTIDA — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti CASTILLO DE LABASTIDA — Trade marks Komunitarji verbali preċedenti CASTILLO LABASTIDA — Raġuni relattiva għal rifjut — Użu ġenwin tat-trade mark preċedenti — Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009”